32007R0324

27.3.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 85/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 324/2007

tat-23 ta' Marzu 2007

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-merkanzija msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment, fuqha jew li żżid magħha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bi ħsieb tal-applikazzjoni ta' miżuri tariffarji u ta' miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fil-merkanzija.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanizja msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-Kodiċi NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni fuq tariffa li torbot u li nħarġet m'ill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 360/2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 9).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella li tidher fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni

(2) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

ANNESS

Tabella:

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Kabina tad-doċċa żarmata li tidħol f'kantuniera u magħmula minn: - banju tad-doċċa magħmul mill-plastik bil-qisien li ġejjin: 80 (Wisa') x 80 (Fond) x 10 (Għoli) ċm, struttura sħiħa magħmula mill-aluminju, - erba' panewijiet tal-ħġieġ imdaħħlin f'frejms tal-aluminju bil-qisien li ġejjin: 40 (Wisa') x 180 (Għoli) ċm. L-istruttura sħiħa għandha titpoġġa fuq il-banju tad-doċċa u titwaħħal mal-ħitan. Tnejn mil-panewijiet tal-ħġieġ iservu bħala bibien sliding. (Ara r-ritratt A)*	3922 10 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 2(a), 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 3922 u 3922 10 00. Il-prodott huwa oġġett kompost, ippreżentat żarmat, magħmul minn komponenti differenti. Il-komponent li jagħti lill-kabina tad-doċċa l-karatteristika essenzjali tagħha huwa l-banju tad-doċċa magħmul mill-plastik, għaliex huwa l-bażi tal-istruttura tal-kabina. Għalhekk, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt is-subintestatura 3922 10 00 bħala banju tad-doċċa.

Ir-Ritratt A 

*Il-prodott armat lest